MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Appell Civili Numru. 8/2006

**Joseph u Camille Camilleri**

**vs**

1. **Angelo Abela**
2. **Dennis Agius**
3. **Karmenu Polidano**

**Il-Qorti,**

Fit-30 ta' Mejju, 2006, it-Tribunal ghal Talbiet tal-Konsumaturi ppronunzja s-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

**"**It-Tribunal

Wara li ha konjizzjoni ta' l-Avviz fl-ismijiet fuq premessi pprezentat fid-19 ta' Settembru 2005 fejn ir-Rikorrenti talbu danni ta' elf u erba' mija u sitta u disghin Lira Maltin u sebgha u sittin centezmu (Lm1,496.67) rapprezentanti

tqieghid ta’ madum li wara li twahhal kellu hafna nuqqasijiet.

L-intimati pprezentaw Risposta ghal din it-talba u attendew ghas-seduta.

Illi wara li sema’ x-xhieda tar-rikorrenti li huma l-istess rikorrenti, u wara li sema’ x-xhieda ta’ l-intimat li huma rapprezentant tad-ditta ntimata, u wara li ha konjizzjoni tal-fatti kif ukoll tac-cirkostanzi kollha tal-kaz;

Ikkunsidra s-segwenti:

1. Ir-Rikorrenti kienu xtraw madum liema madum gie mqieghed fil-fond tar-Rikorrenti. Pero wara ftit irrizultaw hafna nuqqasijiet. Sabiex dawn tpoggew fil-perspettiva taghhom qed jigi muri li Angelo Abela kien importatur tal-kolla in kwestjoni, Dennis Agius kien l-ironmonger minn fejn inxtrat il-kolla u Karmenu Polidano kien dak li qieghed il-madum. Preliminarjament it-Tribunal irid jiddeciedi l-kwestjoni tal-preskrizzjoni. Bhala fatt jidher car li l-kolla nxtrat f’ Ottubru 2003 u l-madum twahhal bejn Novembru u Dicembru 2003. Ir-rikorrenti rrikorrew ghand it-Taqsima tal-Konsumatur u Kompetizzjoni f’ Lulju 2005. Angelo Abela gie nnotifikat f’ Settembru 2005, filwaqt li Karmenu Polidano u Dennis Agius gew nnotifikati f’ Ottubru 2005. Ghalhekk it-Tribunal irid jiddeciedi jekk din hija kawza li taqa’ taht Artiklu 1431 tal-Kodici Civili u b’ hekk hija kawza ta’ Azzjoni Redhibitoria tal-Kodici Civili jew jekk kienetx kawza ta’ danni. It-Tribunal wara li sema’ l-partijiet u mar jaghmel l-access jinnota li l-Artiklu li ghandu rabta ghal fini tal-preskrizzjoni ta’ kif inhu dan il-Kaz huwa l-Artiklu 2158 tal-Kodici Civili li huwa ta’ zmien sentejn. B’ hekk it-Tribunal qieghed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

2. Rigward il-mertu tal-kaz, it-Tribunal mar jispezzjona l-kaz fid-dar tar-Rikorrenti u nnota li kwazi mad-dar kollha il-madum qed ifaqqa. It-Tribunal jinnota wkoll li waqt li kien fil-post kien ra xi madum maqlugh sabiex jara ezatt x’ kienet il-problema taht il-madum.

Ghal dawn il-motivi:

It-Tribunal wara li ha konjizzjoni tar-rapport tal-Perit Farrugia wara access li ghamel qieghed jikkundanna lill-imputatur Angelo Abela b' sebghin fil-mija (70%) ta' l-ispejjez waqt lil Karmenu Polidano qed iwahhlu tletin fil-mija (30%) ta' l-ispejjez u jillibera lil Dennis Agius minn kull htija b' dan illi jistabbilixxi d-danni fl-ammont ta' elf Lira Maltija (Lm1,000) bl-ispejjez kontra l-intimat Angelo Abela u Karmenu Polidano rispettivament.**"**

Mill-appellipprezentat minn Angelo Abela fil-kontestazzjoni ta' din is-sentenza, huma ravvizabbli l-ilmenti li gejjin:-

(1) Huwa jikkontendi li gie mcahhad mid-dritt ta' smiegh xieraq billi t-Tribunal ordna access minghajr ma l-partijiet kollha kellhom l-opportunita` li jattendu u, ukoll, ghaliex ma thallewx itellghu prova xjentifika biex juru li l-materjal mibjugh kien idoneju u tajjeb;

(2) It-Tribunal ma qabbadx esperti;

(3) Il-Perit imqabbad mill-atturi kkummenta fuq prodott li ma jifhem xejn fih;

(4) Ma nghatat ebda raguni mit-Tribunal dwar il-likwidazzjoni ta' l-ammont tad-danni u l-ispartizzjoni taghhom;

Kontra dan l-appell, l-atturi, apparti li jaghmlu sottomissjonijiet fuq is-singoli aggravji, jissollevaw il-pregudizzjali tal-prezentata tardiva ta' l-appell. Huwa fl-ordni logiku li din il-Qorti tghaddi biex tinvesti qabel kollox din il-pregudizzjali in kwantu, jekk fondata, ma jkunx hemm raguni biex tinoltra ruhha fil-mertu ta' kull wiehed mill-ilmenti mqanqla;

Irrizulta bhala fatt accertat illi d-decizjoni mpunjata nghatat fit-30 ta' Mejju 2006 u li n-notifika taghha bil-posta ordinarja saret fl-istess jum tad-decizjoni, kif hekk ikkonfermat mix-xhud Doris Pace quddiem din il-Qorti. Invece, l-appell gie introdott fis-7 ta' Lulju 2006. Hu

provvediment esplicitu tal-ligi, ex-Artikolu 22 (1) tal-Kapitolu 378, illi appell mid-decizjoni tat-Tribunal irid isir fi zmien tmintax (18) il jum tax-xoghol mid-data tad-decizjoni. Li jfisser, fil-fattispeci, illi l-appell kellu jitressaq mhux aktar tard mis-26 ta' Gunju 2006;

Dan igib illi l-appell hu allura *fuori termine* u, konsegwentement, irritwali. Huwa ben maghruf illi meta ma jigix rispettat it-terminu ffissat mil-ligi ghall-proponiment ta' xi att, kompriz allura dak ta' l-appell, ma tistax issir is-sanatorja. Dan ghaliex dak it-terminu processwali hu wiehed perentorju u, la darba skada, mhix konsentita r-rimessjoni fit-terminu. Evidentement, jidher minn dan illi l-ligi trid tikkolpixxi dik il-kondotta processwali kolpevoli u volontarja dovuta ghall-inkurja jew negligenza imputabbli. Jikkonsegwi illi la s-sanatorja mhix permissibbli l-Qorti jkollha tghaddi biex tilqa' l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-atturi appellati. Ara f' sens konformi s-sentenza in re: "**Philip Micallef *et* -vs- AIC Godwin Drago *et***", Appell Inferjuri, 26 ta' Frar 1999;

Il-Qorti, jekk trid tista' tieqaf hawn. Anke, pero`, fuq l-ezami taghha ta' l-atti tal-kawza quddiem it-Tribunal, ma jidherx lanqas li l-ilment principali tieghu huwa gustifikat. Anzi l-Qorti hi sodisfatta illi l-allegata vjolazzjoni tar-regola ta' gustizzja naturali *audi alteram partem* ma tissussistix f' dan il-kaz, u l-appellant ma kienx korrett fic-censura tieghu ta' l-agir tat-Tribunal. Ibda biex hu kien xjenti mill-fatt li kien ser isir access ghaliex hu stess kien prezenti fis-seduta tat-2 ta' Marzu 2006 meta t-Tribunal ivverbalizza dwaru. Barra min dan huwa nghata wkoll l-opportunita` li jipprezenta x-xhieda tieghu permezz ta' Affidavit wara r-ritorn tieghu Malta mill-mawra tieghu fl-Awstralja. Hekk ukoll inghata l-opportunita` li jaghmel is-sottomissjonijet tieghu, kif fil-fatt ghamel bil-prezentata ta' Nota fit-3 ta' Marzu 2006 (fol. 20). Dak li ma jirrizultax invece mill-atti hi xi talba tieghu ghall-hatra ta' espert jew ghall-produzzjoni ta' prova xjentifika.

Ghal dawn il-motivi u bl-akkoljiment ta' l-eccezzjoni sottomessa mill-appellati, din il-Qorti tiddikjara li l-appell interpost gie intavolat *fuori termine*. L-ispejjez gudizzjarji kollha jitbatew mill-appellanti.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------